Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li l-isem tal-kumpannija Touristar Limited (C 28421) ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fil-25 ta'Ottubru 2003 minħabba l-fużjoni tagħha ma' ATV Travel Limited (C 14783) skond is-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 353 ta' dan l-Att.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the name of the company Touristar Limited (C 28421) was struck off the Register on by virtue of its merger into ATV Travel Limited (C 14783) in terms of subsection 1 of Section 353 of the Act.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 401 tal-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpannji ngħarrfu li l-membri tal-kumpannija li takkwista Calamatta Cuschieri & Co. Limited (C 13729) b'uffiċċju rreġistrat 3rd Floor, Valletta Buildings, Strait Street, Valletta, Malta u tal-kumpannija/kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati Calamatta Stockbrokers Limited (C 13564) u Cuschieri Holding Limited (C 24875) b'uffiċċju rreġistrat 3rd Floor, Valletta Buildings, Strait Street, Valletta, Malta, ikkonsenjaw għar-reġistrazzjoni, għall-finijiet tal-artikolu 350 tal-Att, kopji tar-riżoluzzjonijiet straordinarji li japprovaw l-amalgamazzjoni flimkien mad-dokument li jagħtihom effett.

Ir-reġistrazzjoni ġiet effettwata fil-31 ta' Ottubru 2003.

Kull parti interessata fl-imsemmija kumpanniji hija infurmata li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni, skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 351 tal-Att, l-għaqda tibda sseħħ tliet wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the members of the acquiring company Calamatta Cuschieri Holding Limited (C 13729) with registered office at 3rd Floor, Valletta Buildings, South Street, Valletta, Malta and of each of the companies being acquired Calamatta Stockbrokers Limited (C 13564) and Calamatta Cuschieri Holding Limited (C 24875) with registered office at 3rd Floor, Valletta Buildings, South Street, Valletta, Malta have submitted for registration, for the purpose of section 350 of the Act, copies of the extraordinary resolutions approving the amalgamation together with the instruments giving effect thereto.

Registration was effected on 31st October 2003.

Any interested party in the said companies is advised that unless objection is lodged, by writ of summons, in terms of subsection (2) of Section 351 of the Act, amalgamation shall become effective on the lapse of 3 months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 tal-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li fil-24 ta' Ottubru 2003 id-diretturi tal-kumpannija li takkwista Worth Services Co. Ltd (C 17690) b'uffiċċju rreġistrat Rhinestar, Triq il-Musbieħ, Naxxar, Malta u d-diretturi tal-kumpannija li tkun se tiġi akkwistata Worth Enterprises Limited (C 17805) b'uffiċċju rreġistrat 126, Xemxija Hill, Xemxija, Malta ikkonsenjaw l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni skond paragrafu (a) tas-subartikolu 3 ta' l-artikolu 358 ta' dan l-Att.

Ir-reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-30 ta' Ottubru 2003.

Kull parti interessata fl-imsemmija kumpanniji hija infurmata li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, l-għaqda tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995, it is hereby notified that on the 24th October 2003 the directors of the acquiring company Worth Services Co. Ltd (C 17690) with registered office at Rhinestar, Triq il-Musbieħ, Naxxar, Malta and of the company being acquired Worth Enterprises Limited (C 17805) with registered office at 126, Xemija Hill, Xemxija, .Malta delivered the draft terms of acquisition for registration and publication in terms of paragraph (a) of subsection 3 of Section 358 of the said Act.

Registration was effected on 30th October 2003.

Any interested party in the said companies is advised that unless objection to the operation is lodged in terms of law, amalgamation shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1531

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 2003 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 17th October, 2003 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 13 ta' Novembru, 2003 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court First Hall on 25th June, 2003 on the application of Bank of Valletta p.l.c.; Thursday 13th November, 2003, from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th January, 2003 to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

1. Il-garaxx b'numru 10 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm9,500.00c0.

1. Garage internally marked 10 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm9,500.00c0.

2. Il-garaxx b'numru 11 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm6,750.00c0.

2. Garage internally marked 11 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm6,750.00c0.

3. Il-garaxx b'numru 12 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm4,500.00c0.

3. Garage internally marked 12 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm4,500.00c0.

4. Il-garaxx b'numru 13 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm7,000.00c0.

4. Garage internally marked 13 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm7,000.00c0.

5. Il-garaxx b'numru 15 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm8,500.00c0.

5. Garage internally marked 15 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm8,500.00c0.

Il-prezz tal-garaxxijiet kollha flimkien huwa ta' Lm36,250.00c0.

The garages are together valued at Lm36,250.00c0.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' Lulju, 2000.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on the 17th July, 2000.

6. Il-garaxx jismu "Foodware" fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, kif soġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' Lm7,500.00c0.

6. Garage known as "Foodware", Ignazio Saverio Mifsud Street, Birkirkara, being subject to the annual and perpetual sub-groundrent of Lm5.00c0, valued at Lm7,500.00c0.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Albert Borg Costanzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-20 ta' Ġunju, 2003.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Albert Borg Costanzi A&CE on the 20th June, 2003.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Foodware Company Limited.

The said tenements are the property of Foodware Company Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-3 ta' Novembru, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 3rd November, 2003.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

1532

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-27 ta' Ottubru, 2003 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2003 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Frar, 2003, li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritta:

Porzjoni diviża mill-art magħrufa bħala "Ta' Xbekka", fi Triq Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Baħar, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 181.06 metri kwadri, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.50c0, stmata li tiswa Lm50,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Price Club (Burmarrad) Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Ottubru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, it-30 ta' Ottubru, 2003.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Civil Court First Hall on the 27th October, 2003 on the application of HSBC Bank Malta plc.; Thursday 11th December, 2003 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th February, 2003 to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

A divided plot of land known as "Ta' Xbekka", in Burmarrad Road, limits of Saint Paul's Bay, measuring superficially 181.06 square metres, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm1.50c0, valued in totality Lm50,000.00c0.

The said property belongs to Price Club (Burmarrad) Limited.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Joseph Ellul Vincenti A&CE on the 24th day of October, 2003.

Registry of the Superior Courts, this 30th day of October, 2003.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

1533

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2003 fuq rikors ta' Alfred Paul Farrugia ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 27 ta' Novembru, 2003 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, għall-BEJGĦ IN LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tat-8 ta' Jannar, 2002 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond numerat 25, 26 u 27, fi Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana, stmat li jiswa Lm10,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lill-kollejċitanti kollha msemmija fl-Atti.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Renè Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa f'Settembru, 1997.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-27 ta' Ottubru, 2003.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Civil Court First Hall on the 21st October, 2003 on the application of Alfred Paul Farrugia; Thursday, 27th November, 2003 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE IN LICITATION ordered by judgement given on the 8th January, 2002 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement marked 25, 26 and 27, Vincenzo Dimech Street, Floriana, valued at Lm10,000.00c0.

The said property belongs to all the collicitators named in the same Acts.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Renè Buttigieg A&CE on September, 1997.

Registry of the Superior Courts, this 27th day of October, 2003.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

1534

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mirage Holdings Limited ippreżentaw ċitazzjoni fit-23 ta' Diċembru 2002, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Di Carina Holdings Limited, fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Qorti;

1. tordna li l-kawża għandha ssir bid-dispensa tas-smigħ;

u

2. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta thallas lill-istess soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' ħamest elef mitejn u disgħin lira Maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm5,290.34.0) in kwantu għas-somma ta' erbat elef ħames mija sebgħa u għoxrin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm4,527.34.0) prezz ta' merċi mibjugħha u kkonsenjati lis-soċjetà konvenuta u in kwantu għal seba' mija tlieta u sittin lira Maltija (Lm763) rappreżentanti l-imgħaxijiet legali dovuti sal-lum fuq dan l-ammont.

Bl-ispejjeż u riserva għall-imgħaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Konvenut: Di Carina Holdings Limited
Amera House
Ċensu Busuttil Str,
Birkirkara.

Il-kawża, hawn fuq imsemmija, Ċitazzjoni numru 1457/02 GCD, fl-ismijiet Mirage Holdings Ltd vs Di Carina Holdings Ltd, tinsab differita għat-Tlieta, it-2 ta' Diċembru 2003, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 3 ta' Novembru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 24th October 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Mirage Holdings Limited filed a writ of summons on the 23rd December 2002, in the First Hall Civil Court, against Di Carina Holdings Limited, wherein they asked the defendant company why this Court should not;

1. order that the cause be heard without proceeding to a hearing;

and

2. condemn the defendant company to pay the plaintiff company, the global sum of five thousand two hundred and ninety Maltese liri and thirty four cents (Lm5,290.34.0) as, for the sum of four thousand five hundred and twenty seven Maltese Liri and thirty four cents (Lm4,527.34.0) price of merchandise sold and delivered to the defendant company and as for seven hundred and sixty three Maltese liri (Lm763) representing legal interests due till to today on this amount.

With costs and saving further interests from today, till the date of effective payment, against the defendant company, who is from now summoned, so, that a reference to its evidence be made.

Defendant: Di Carina Holdings Limited
Amera House
Ċensu Busuttil Str,
Birkirkara.

The cause, above mentioned, Writ of summons number 1457/02 GCD, in the names Mirage Holdings Ltd vs Di Carina Holdings Ltd, has been put off to Tuesday, 2nd December 2003, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 3rd November, 2003.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

1535

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti, fit-28 ta' Ottubru 2003, fil-kawża Ċitazzjoni numru 677/03 JRM, Britannia Financial Services Ltd vs Borg Raymond et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Silvio u Patricia Borg, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Britannia Financial Services Ltd, ippreżentaw ċitazzjoni fit-3 ta' Lulju 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Raymond u Rita konjugi Borg; Silvio u Patricia konjugi Borg; Anton u Karen konjugi Borg; J.B.Holdings Ltd, fejn talbu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

(1) taqta' u tiddeċidi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u cioè bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u (2) tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu s-somma komplessiva ta' tnax-il elf, erba' mija erbgħa u erbgħin lira Maltija (Lm12,444), kwantu għall-għaxart elef, tliet mija sitta u ħamsin lira Maltija (Lm10,356) bħala kapital, kwantu għall-elfejn, tmienja u tmenin lira Maltija (Lm2,088) imgħax kalkulat sat-30 ta' Ġunju 2003, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) (3) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta J.B. Holdings Limited, sabiex tħallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u seba' liri (Lm2,607) rappreżentanti bilanċ fuq l-imgħax stante, illi s-soċjetà konvenuta J.B. Holdings Ltd, kienet intrabtet illi tħallas imgħax bir-rata ta' erbatax fil-mija (14%) - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax ulterjuri, kalkolat mit-30 ta' Ġunju 2003, sa l-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat fil-25 ta' Ġunju 2003, bin-numru 1041/03, kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Konvenuti: 1. ...Omissis...

2. Silvio u Patricia Borg; 11, Oliver Agius Street, Ħ'Attard.

3. ...Omissis...

4. ...Omissis...

Il-kawża hawn fuq ċitata, Ċitazzjoni numru 677/03 JRM, Britannia Financial Services Ltd vs Borg Raymond et, tinsab differita għal l-4 ta' Diċembru 2003, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 3 ta' Novembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby, notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given, on the 28th October 2003, in the cause writ of Summons number 677/03 JRM, Britannia Financial Services Ltd vs Borg Raymond et, ordered, the following publication, in order, that the defendants Silvio and Patricia Borg, be notified, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Britannia Financial Services Ltd, filed a writ of summons, on the 3rd July 2003, in the First Hall of the Civil Court, against Raymond and Rita spouses Borg; Silvio and Patricia spouses Borg; Anton and Karen spouses Borg; J. B. Holdings Ltd, wherein they asked the defendants why this Court should not;

(1) decide this cause in terms of Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure and namely without proceeding to a hearing of the cause and (2) condemn the defendants so that in solidum between them they pay the global sum of twelve thousand, four hundred and forty four Maltese liri (Lm12,444), as for ten thousand, three hundred and fifty six Maltese liri (Lm10,356) as capital, as for two thousand and eighty eight Maltese liri (Lm2,088) interest calculated, till the 30th June 2003, at the rate of eight per cent (8%) (3) condemn the defendant company, J.B. Holdings Limited, to pay the sum of two thousand, six hundred and seven liri (Lm2,607) representing, balance on the interest, since, the defendant company J. B. Holdings Ltd, had bound itself to pay interest at the rate of fourteen per cent (14%) - everything as stated above and for the reasons above premised.

With further interest, calculated, from the 30th June 2003, till the effective payment and with costs, including, those of the garnishee order filed on the 25th June 2003, bearing number 1041/03, against the defendants, who are from now summoned, so that a reference to their oath be made.

Defendants: 1. ...Omissis...

2. Silvio and Patricia Borg; 11, Oliver Agius Street, Attard.

3. ...Omissis...

4. ...Omissis...

The cause herein above mentioned, Writ of summons number 677/03 JRM, Britannia Financial Services Ltd vs Borg Raymond et, has been put off to the 4th December 2003, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd November 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ottubru 2003, ordna s-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Bank of Valletta p.l.c. 173, St. Christopher Street, Valletta, ippreżentaw ċitazzjoni fil-15 ta' Novembru 2002, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Norbert Ellul, 19, Marina Street, Pietà, fejn talbu l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

(1) Tikkundanna lil Norbert Ellul iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt elef, tliet mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm6,347.99) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Norbert Ellul, mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A3) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri, mill-1 ta' Ottubru 2002, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Lulju 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru, li qed jiġi ppreżentat kontra l-konvenut li huwa inġunt, minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Il-kawża, Ċitazzjoni numru 1297/02JA, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Ellul Norbert, tinsab differita għall-5 ta' Diċembru 2003, fil-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur tal-Qrati

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 27th October 2003, ordered the following publication, for the purpose of service, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Bank of Valletta p.l.c. 173, St. Christopher Street, Valletta, filed, a writ of summons, on the 15th November 2002, in the First Hall Civil Court, against Norbert Ellul, 19, Marina Street, Pietà, wherein, they asked the defendant to state why this Court, for the reasons mentioned, in the writ of summons, should not;

(1) Condemn Norbert Ellul to pay the plaintiff company, the sum of six thousand, three hundred and forty seven Maltese liri and ninety nine cents (Lm6,347.99) balance of debt in the 'Loan Account' of Norbert Ellul, with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc A1 to A3) together, with further interest from the 1st October 2002, till the date of effective payment;

With costs, including, those of the judicial letter dated, 4th July 2002 and of the Garnishee Order, which are being filed, against the defendant, who is summoned, so that a reference to his oath be made.

The cause, writ of summons number 1297/02 JA, in the names Bank of Valletta plc vs Ellul Norbert, has been put off to the 5th December 2003, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd November 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1537

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1632/03, fl-ismijiet Maria Dolores Muscat et vs Charles Micallef et, fit-22 ta' Ottubru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Charles Micallef a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2003, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Maria Dolores sive Doris Muscat, Anthony Muscat, Concetta Schembri, Joseph Muscat, Michael Muscat, Mary Scicluna u Paul Borg, kontra (Intimat) Charles Micallef u l-Perit Brian Ebejer, ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doris Muscat et, ID 253950(M) esponiet bil-qima u kkonfermat bil-ġurament;

Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu l-intimat milli jiskava u jħaffer entro d-distanza ta' 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju tal-proprjetà ta' l-esponenti, 133, Constitution Str, Mosta, peress illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond 133, Constitution Str, Mosta u l-intimat qed jiżviluppa l-proprjetà adjaċenti, 131, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, taħt id-direzzjoni tal-Perit Brian Ebejer.

Peress illi l-intimat bi ħsiebu jiskava l-proprjetà tiegħu entro d-distanza legali u dan mingħajr l-kunsens ta' l-esponenti u nonostante l-oppożizzjoni espressa ta' l-esponenti u fil-fatt ġa beda jiskava.

Illi jekk issir tali skava jiġu leżi irremedjabilment d-drittijiet ta' l-esponenti.

Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Iffirmat: Avukat; Peter Borg Costanzi, LL.D. Dip. Can. (Matr).

Iffirmat: Prokuratur Legali; Gerald Bonello.

Illum, it-30 jum ta' Settembru, 2003.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means, of a decree, given in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction, Number 1632/03, in the names Maria Dolores et vs Charles Micallef et, on the 22nd October 2003, ordered the following publication, in order, that, the respondent, Charles Micallef be notified, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application, filed, on the 30th September 2003, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Maria Dolores sive Doris Muscat, Anthony Muscat, Concetta Schembri, Joseph Muscat, Michael Muscat, Mary Scicluna and Paul Borg, against (Respondent) Charles Micallef and Architect Brian Ebejer, the applicant Maria Dolores sive Doris Muscat et, ID 253950(M), pleaded with respect and confirmed under oath;

That the applicants have an interest to safeguard their rights;

That the applicants, in order, to safeguard their rights, wish, to withold the respondent, from excavating and digging, within a distance of 76 centimetres, from, the dividing wall which belongs to the applicants, 133, Constitution Str, Mosta, whereas, the applicants are the owners of the premises 133, Constitution Str, Mosta and the respondent is developing the adjacent property, 131, Constitution Street, Mosta, under the direction of Architect Brian Ebejer.

Whereas, the respondent, intends, to excavate his property within the distance allowed by law, and this without the consent of the applicants and notwithstanding, the express opposition of the applicants, and has infact, already, began to excavate.

That, if such excavation, takes place, the rights of the applicants shall be irremediably prejudiced.

That the applicants, shall be prejudiced, if the respondent, shall not be prohibited as stated;

Thus the applicants, humbly ask, that this Honourable Court, orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction, in order to withold him, from carrying out the acts above mentioned.

Signed: Advocate; Peter Borg Costanzi, LL.D. Dip. Can. (Matr)

Signed: Legal Procurator; Gerald Bonello.

Today; 30th day of September, 2003.

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' L.P. G. Bonello, bħala xhud ta' l-identità u ppreżentat minn, bla dok.

Mandat ta' Inibizzjoni

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lil Marixxall tal-Qrati

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat lill-imsemmi intimat, inti għandek iżżomm lill-intimat milli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' ħsara għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, bix-xhieda ta' l-Onor. Carmelo Farrugia Sacco, LL.D., Duttur tal-Liġi, Imħallef tal-Qorti, hawn fuq imsemmija.

Illum, 30 ta' Settembru 2003.

Rikorrent: 133, Constitution Street, Mosta.

Intimat: 1.Charles Micallef
131, Triq il-Kostituzzjoni Mosta.

jew

Plot 41, New Street in Don Camillo Sciberras Str, Mosta, MST 03.

2. Omissis

Fil-Qorti Ċivili Prim'Awla

Onor. Imħallef C. Farrugia Sacco, LL.D.

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 1632/03 fl-ismijiet:

Muscat Maria Dolores et

vs

Confirmed before me under oath after I read its contents, and in the presence of L.P. G. Bonello, as witness of identity and filed by, without doc.

Warrant of Prohibitory Injunction.

Republic of Malta

Court Warrant

To the Marshall of the Courts

Whereas the above application has been filed and it contains the elements, required, according to law for the issue of the orders herein contained;

You, are therefore, on the said application, hereby ordered, that by delivering a copy of this warrant, to the aforesaid respondent, you are to withold the respondent from carrying out the acts mentioned in the said application, which shall be of prejudice to the applicant, under the penalties contemplated by law for the defaulters;

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant, you, are to inform this Court immediately.

Given by the First Hall Civil Court, and witnessed by Hon. Carmelo Farrugia Sacco, LL.D. Doctor of Laws, Judge of the Court above mentioned.

Today, 30th September 2003.

Applicant: 133, Constitution Street, Mosta.

Respondent: 1. Charles Micallef
131, Constitution Street, Mosta.

or

Plot 41, New Street in Don Camillo Sciberras Str, Mosta MST 03.

2. Omissis.

In the Civil Court First Hall

Hon. Mr. Justice C. Farrugia Sacco, LL.D.

In the records of the Warrant of Prohibitory Injunction
Number 1632/03 in the names:

Muscat Maria Dolores et

vs

Micallef Charles et

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika lill-kontroparti bi żmien jumejn għar-risposta.

Illum, 30 ta' Settembru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 4 ta' Novembru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

Micallef Charles et

The Court,

Having seen the Application;

Orders that the respondent be notified and is to file a reply within two days.

Today, 30th September, 2003.

Registry of the Superior Courts, today, 4th November, 2003.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

1538

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Settembru 2003, fl-atti tal-kawża Nru 1644/98 GC, Ruggier Holdings Company Limited vs Oscedet Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Ocsedet Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż tas-Smigħ, maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 27 ta' Frar 2003, il-kawża Ċitazz. Nru. 1644/98GC, fl-ismijiet Ruggier Holdings Company Limited vs Oscedet Limited, li kienet sine die, mill-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2002, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għal nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2003, fid-9.00 a.m., quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, preseduta mill-Onor. Imħallef Gino Camilleri, LL.D.

Il-kawża ġiet sussegwentement differita u issa ġiet differita għat-12 ta' Jannar 2004, fid-9.00 a.m., biex jiġu notifikati l-konvenuti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Novembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 4th September 2003, in the records of the cause number 1644/98GC, Ruggier Holdings Company Limited vs Oscedet Limited, ordered the following publication, in order, that the defendant company, Oscedet Limited, be notified, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Notice of Hearing, issued, by the Superior Court Registry, on Thursday 27th February 2003, the cause writ of Summons, number 1644/98GC, in the names Ruggier Holdings Company Limited vs Oscedet Limited, which was sine die, from Thursday 31st October 2002, was set down again for hearing to Thursday, 15th May 2003, at 9.00 a.m., before the First Hall Civil Court, presided by Mr Justice Gino Camilleri, LL.D.

The cause, was subsequently put off, and is now put off to the 12th January 2004, at 9.00 a.m., in order that the defendants be notified.

Registry of the Superior Courts, today 5th November 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1539

Ikun jaf kulhadd illi, il-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Awissu 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Kevin u Jennifer, konjugi Borg, ippreżentaw ċitazzjoni fl-20 ta' Ġunju 2002, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Raymond Zammit u Joseph Andrews, fejn talbu l-konvenuti jew min minnhom jgħidu, għaliex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u neċessarja, m'għandhiex;

1. Tiddikjara illi l-maġġor parti tax-xogħol li kienu delegati jagħmlu l-konvenuti jew min minnhom u li għalih l-atturi ħallsu l-ammont ta' disat elef u sitt mitt lira Maltija (Lm9,600) ma sarx, u li x-xogħol limitat li sar, ma sarx skond is-sengħa u l-arti;

2. Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli għad-danni li ġew ikkawżati fil-fond numru 16, Triq Abraham Gatt, Bormla;

3. Tillikwida d-danni kkaġunati mill-konvenuti f'somma li tista' tiġi likwidata okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, jirrifondu s-somma ta' disat elef u sitt mitt lira Maltija (Lm9,600) fuq imsemmija lill-atturi kif ukoll iħallsu lill-istess atturi s-somma ulterjuri likwidata u dikjarata bħala dovuta minnhom in linea ta' danni kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inkluż dawk ta' l-ittri uffiċjali kontra l-istess konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa inġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Konvenut (1) Raymond Zammit
Flt 3, Blk 5,
Triq Azzopardi, Marsa.

(2) Joseph Andrews

Il-kawża, hawn fuq imsemmija, Ċitazzjoni Nru 706/02 JRM, fl-ismijiet Kevin Borg et, vs Raymond Zammit et, tinsab differita għal l-24 ta' Novembru 2003, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Novembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 20th August 2003, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Kevin and Jennifer, spouses Borg, filed a writ of summons on the 20th June 2002, in the First Hall of the Civil Court, against Raymond Zammit and Joseph Andrews, whereby they asked the defendants or either of whom to state, why this Honourable Court, saving any necessary and opportune declaration should not;

1. Declare that the greater part of the works, which the defendants or either of whom, had been delegated to do, and for which the plaintiffs, paid the amount of nine thousand, six hundred Maltese liri (Lm9,600) was not carried out, and the limited work, that had been carried out, was not according to the art or trade.

2. To declare the defendants or either of whom responsible for the damages which were caused, in the premises number 16, Abraham Gatt Street, Cospicua.

3. To liquidate, the damages caused by the defendants in a sum which can be liquidated, if necessary, by the appointment of Architects.

4. Condemn the defendants or either of whom, to refund the sum of nine thousand and six hundred Maltese liri (Lm9,600) above mentioned, to the plaintiffs, as well as to pay to the same plaintiffs, the further sum to be liquidated and declared as due by them, by way of damages, as, mentioned in the writ of summons.

With costs, against the defendants, including those of the judicial letters, against the defendants or either of whom, who, are from now summoned, so that a reference to their oath be made.

Defendant: (1) Raymond Zammit
Flt 3, Blk 5,
Triq Azzopardi, Marsa.

(2) Joseph Andrews

The cause, above mentioned, Writ of Summons number 706/02 JRM, in the names Kevin Borg et, vs Raymond Zammit et, has been put off to the 24th November 2003, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th November 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1540

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2003, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2003, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Noel Grech et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Art 187(3) u 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Settembru 2003, lil; 1. Noel Grech, 2. Topserv Ltd, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' Centre Point Building, ta' Paris Road, Birkirkara, jinterpellak ai termini ta' l-art. 66 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' disgħa u sebgħin elf, ħames mija u sitt liri Maltin u sittin ċenteżmu (Lm79,506.60) rappreżentanti ammont dovut minkom skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li ser jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: 1. Top Serv Building, Bone Alley, Industrial Estate, Imrieħel.

2. Top Serv Building, Bone Alley, Industrial Estate, Imrieħel.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Novembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 28th October 2003, in the records of the judicial letter filed on the 24th September 2003, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Noel Grech et, ordered the following publication, in order that the respondents, be notified in terms of Art 187 (3) and 187(5) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, filed in the First Hall of the Civil Court, on the 24th September 2003, against 1. Noel Grech, 2. Topserv Ltd, the Commissioner for Value Added Tax of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, calls upon you in terms of art. 66 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days, from the service of this letter, you pay him the amount of seventy nine thousand, five hundred and six Maltese liri and sixty cents (Lm79,506.60) representing, the amount due by you according to the same deed.

With costs and interest according to the same Act till the date of effective payment.

This calling, is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title, which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant, warns you that he shall pass to execute the said executive title which he has against you, by means of the opportune warrants.

So much, so that you may know how to regulate yourselves.

Service of process: 1. Top Serv Building, Bone Alley, Industrial Estate, Mrieħel.

2. Top Serv Building, Bone Alley, Industrial Estate, Mrieħel.

Registry of the Superior Courts, today 5th November 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*